**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 20 ta' Mejju 2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Michael Saliba**
(Detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0440069(M))

**Il-Qorti,**

Rat li Michael Saliba ta' ħamsa u ħamsin (55) sena, imwieled nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (1969) ġewwa l-Pietà, Malta, iben Angelo u Maria xebba Borg, u residenti fl-indirizz 170, Flat 4, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal Qormi, Malta, detentur tal-karta tal-identità Maltija 0440069(M), tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli bejn l-ewwel (1) ta' Frar u t-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), fl-Msida, Malta, jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

"1. Bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellek kemm jekk ma kellekx jedd li tesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħek, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħek esiġejt dak li l-Liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-Liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-Liġi, liema eżazzjoni kontra l-Liġi kif imsemmi fl-Artikoli 112 tal-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta saret b'theddid jew b'abbuż ta' awtorità u għalhekk titqies estorsjoni;

2. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħek, tlabt, irċevejt, jew aċċettajt għalik jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor li għalih ma kellekx jedd, l-iskop ta' liema kien sabiex inti tonqos milli tagħmel dak li kien fid-dmir tiegħek li tagħmel, u barra milli aċċettajt il-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, filfatt inqast li tagħmel dak li hu fid-dmir tiegħek li tagħmel."

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati kollha jew uħud minnhom:

i. Tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tħaddem id-disposizzjoni tal-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura restituzzjoni jew kumpens lill-parti leża jew partijiet leżi;

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra tiegħu, l-akkużat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi l-partijiet qablu li l-akkużat m'għandux jingħata piena karċerarja effettiva, wara li xtarret dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li kkunsidrat li l-akkużat iddispjeċih ta' dak li għamel, għandu fedina penali li għalkemm mhix netta mhijiex allarmanti u l-fatt li huwa ikkopera mill ewwel mal-Pulizija, tista tapplika l-proviżjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 112, 113, 114, 115(b)(t), u 121 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 3 u 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.14, il-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat issib lill- Michael Saliba, detentur tal-karta tal-identità Maltija 0440069(M), ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin mil-lum. In oltre l-Qorti tordna l-interdizzjoni ġenerali ai termini tal-artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien ħames (5) snin mil-lum.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija jew jekk ma jsegwix id-direttiva fuqu imposta a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u dan in segwitu għal dak kontemplat bl-artikolu 28H(8) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li ma jirriżultax mill-atti proċesswali li ġew maħtura xi esperti jew periti.

Il-Qorti finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi kkomunikata minnufih lid-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex l-ordni ta' interdizzjoni tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti finalment tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mid-data tas-sentenza l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skennjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skennjata tas-sentenza.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------